**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 18/07VG**

**Claudio Grech**

**Vs**

**Miriam Dalli**

**Illum 15 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Claudio Grech fit-23 ta' Jannar 2007, permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tikkundanna lil Miriam Dalli bhala Editur ta' One TV, thallsu dik is-somma likwidata Minnha ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta waqt ix-xandir ta' l-ahbarijiet fuq One TV tal-Hadd 21 ta' Jannar 2007, saru allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu bil-ghan li jttelfu jew jnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, meta b'qerq u ingann inghata lill-udjenza x'jifhmu li l-persuna investigata mill-Pulizija dwar reat kien hu stess; bl-ispejjez kontra l-istess Miriam Dalli;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta permezz ta' liema topponi ghat-talba ta' l-attur u titlobb li tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) il-pubblikazzjoni imsemmija minnu ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu; (ii) minghajr pregudizzju, is-servizz imxandar evidentement ma kienx jirrigwarda lill-attur li ma ssemma bl-ebda mod fis-servizz bid-diskors. Li gara kien li bi zvista fil-filmat li ntuza mas-servizz l-attur kien involut incidentalment però bla ma gie indikat fis-serivzz. Il-malintiz sar minghajr htija taghha li dakinhar kienet bil-leave. Appena saret taf bl-ilment ta' l-attur hija ofrietlu li taghmel kjarifika mifthema però din l-offerta ma gietx accettata; (iii) mill-bqija, is-servizz jikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjetà demokratika, kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-attur kellu, kif gie offert, rimedju li ssir kjarifika opportuna biex jigu ccarati inezattezzi li setghu jolqtu lilu. Dan ir-rimedju kien adegwat u sufficjenti u fic-cirkostanzi indikat, minghajr bzonn ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istampa; (iv) kwalunkwe kummenti, anke jekk

dawn ma kienux intizi sabiex jirreferu ghall-attur, kienu gusti w accettabbli, maghmula in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjetà demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Ikkunsidrat ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2007[1] u rat u kkunsidrat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CG1" u Dok. "CG3" a fol. 13 sa' 15 tal-process, ikkunsidrat ix-xhieda ta' Simon Manicolo *qua* Kap tad-Dipartiment tal-Monitoring fi hdan l-Awtorità tax-Xandir, moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2007[2] u rat u kkunsidrat il-kopja rrekordjata tal-bullettin ta' l-ahbarijiet mxandar fuq One TV fil-21 ta' Jannar 2007 fis-7:30p.m. u fil-11:00p.m. markat Dok. "SM" a fol. 23 tal-process, ikkunsidrat ix-xhieda ta' Jesmond Saliba moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2007[3] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JS1" a fol. 28 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 72 sa' 74 tal-process u rat li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx in-Nota Responsiva taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuta, bhala Editur ta' One TV, tigi ikkundannata thallsu dik is-somma likwidata mill-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta waqt ix-xandir ta' l-ahbarijiet fuq One TV tal-Hadd 21 ta' Jannar 2007, saru allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu bil-ghan li jttelfu jew jnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, meta b'qerq u ingann inghata lill-udjenza x'jifhmu li l-persuna investigata mill-Pulizija dwar reat kien hu stess.

Il-konvenuta topponi ghat-talba attrici u titlob li tigi michuda bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) il-pubblikazzjoni imsemmija minnu ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu; (ii) minghajr pregudizzju, is-servizz imxandar evidentement ma kienx jirrigwarda lill-attur li ma ssemma bl-ebda mod fis-servizz bid-diskors. Li gara kien li bi zvista fil-filmat li ntuza mas-servizz l-attur kien involut incidentalment però bla ma gie indikat fis-serivzz. Il-malintiz sar minghajr htija taghha li dakinhar kienet bil-leave. Appena saret taf bl-ilment ta' l-attur hija ofrietlu li taghmel kjarifika mifthema però din l-offerta ma gietx accettata; (iii) mill-bqija, is-servizz jikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjetà demokratika, kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-attur kellu, kif gie offert, rimedju li ssir kjarifika opportuna biex jigu iccarati inezattezzi li setghu jolqtu lilu. Dan ir-rimedju kien adegwat u sufficjenti u

[1] Fol. 10 sa' 12 tal-process.
[2] Fol. 21 u 22 tal-process.
[3] Fol. 25 sa' 27 tal-process.
[4] Fol. 52 sa' 54 tal-process.

fic-cirkostanzi indikat, minghajr bzonn ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istampa; (iv) kwalunkwe kummenti, anke jekk dawn ma kienux intizi sabiex jirreferu ghall-attur, kienu gusti w accettabbli, maghmula in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjetà demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2007[5] xehed l-attur li essenzjalment iddikjara li: *il-kwistjoni li taghti lok ghal mertu ta' din il-kawza kienet tirrigwarda kuntratt tal-computers tal-Mater Dei. Fl-ahbarijiet ta' One TV tal-21 ta' Jannar 2007 tas-sebhga u nofs ta' wara nofsinhar kien hemm rapport fuq dan it-tender u fl-investigazzjoni li kienet qed tikkonduci l-Pulizija fuq l-istess, u filwaqt li n-newscaster kien qed jitkellem fuq il-persuna li qed tigi investigata mill-Pulizija intwera dokument fuq l-iscreen u kien hemm highlighted ismi, u dana fil-kapacità tieghi ta' Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru u ta' Chairman tal-Core Evaluation Committee. Dakinhar stess ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija, il-bniedem responsabbli mill-komunikazzjoni ta' l-istess Kumitat il-Ministeru taghna baghat e-mail lill-konvenuta u kkuppjata lil Roberto Francalanza u lil Michael Vella Haber, fejn fost l-ohrajn gibed l-attenzjoni ta' dawn li baghtilhom din il-komunikazzjoni li kien hemm xi skorrettezzi fl-inews li kienu ghadhom kemm ippubblikaw. ... Fl-ahbarijiet tal-hdax ta' filghaxija ta' l-istess gurnata rega' gie irripetut fl-istess item ta' l-ahbarijiet, minghajr l-ebda korrezzjoni nonostante d-dokument CG2 illi kien intbaghat* (ossia l-e-mail li nbaghtet lill-konvenuta u ikkuppjata lil Roberto Francalanza u Michael Vella Haber). *Ghalhekk fil-25 ta' Jannar tas-sena 2007 jiena kont kostrett niftah il-kawza ta' libell. Nippreciza jiena din ftahtha fit-23 ta' Jannar tas-sena 2007, fil-25 ta' Jannar ta' l-istess sena l-Ministeru hareg stqarrija ghall-gazzetti... Fl-ahbarijiet tal-25 ta' Jannar ta' filghaxija ta' One TV ... intqal illi jiena kont intavolajt kawza ta' libell peress illi l-Hadd ta' qabel fl-ahbarijiet ta' One TV kien hemm il-filmat kien juri ismi bi prominenza, mentri dan ma kellu x'jaqsam xejn mad-diskors li kien qieghed jinghad.*

Waqt din l-istess xhieda l-attur iddikjara wkoll li: *fuq il-kwistjoni tat-tender tal-computers ta' l-Isptar Mater Dei, ninforma lill-Qorti li kont jiena stess li nfurmajt lill-Pulizija bis-suspetti illi kienu qed jirrizultawli. Li gara hu li fil-kariga tieghi li semmejt qabel gewni xi suspetti li kien hemm xi affarijiet illi mhux qed jidhru cari fil-konfront tat-tender tal-computers tal-Mater Dei, dawn is-suspetti tieghi iddiskutejthom mal-Ministru tieghi li minn naha tieghu dan kien iddiskutihom mal-Prim' Ministru u wara nghatajt direzzjoni biex l-informazzjoni kollha nghaddija lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif ghamilt. Sussegwentement naf ukoll illi ttiehdu passi kontra xi persuna. Jiena fl-ebda mument ma kont investigat fuq dan il-kaz. L-informazzjoni lill-Pulizija jiena ghaddejtha wara illi kelli laqgha appozita mal-Kummissarju tal-Pulizija.*

Apparte minn hekk l-attur ressaq ukoll prova, konsistenti f'ittra datata 24 ta' Jannar 2007, mahruga mill-Press Registrar Emanuel Abela, li turi illi dakinhar tal-21 ta' Jannar 2007, l-Editur ta' One TV kienet il-konvenuta.

[5] Fol. 10 sa' 12 tal-process.

Il-konvenuta da parte taghha ggustifika l-akkadut bil-mod segwenti: *dakinhar tax-xandira mertu ta' dawn il-proceduri jiena kont Editor ta' One TV. Dana kien rappurtagg li kien ghamel Dr. Alfred Sant bhala Kap ta' l-Opposizzjoni f'laqgha pubblika li kellu fil-Hamrun. F'din id-diskussjoni Dr. Sant kien semma kaz li kien ghaddej dwar ufficjali tal-MITTS li kien misluf lill-Ministeru ta' Austin Gatt fejn dan l-istess ufficjal kien qed jghin lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom dwar it-tender ghas-sistema tal-computers ghall-Isptar Mater Dei. Ahna rrappurtajna b'mod fidili dak li ntqal waqt id-diskors. Il-kontenut tax-xandira fil-fatt jirrifletti dak li ntqal waqt id-diskussjoni. Jidher però li l-kwistjoni hija dwar l-aspett viziv ta' din ix-xandira. Fil-visual editing jiena minix involuta ghax dan hemm visual editor li huwa apposta ghal dan it-tip ta' xoghol. Inzerta illi waqt li fix-xnadira kien qed jissemma dan il-kaz li ghadni kif semmejt fuq l-ufficjali tal-MITTS, vizwalment deher dokument li fuqu deher highlighted l-isem ta' Claudio Grech. Li gara hu li kienu qeghidn tard fl-editing ghal dan is-servizz partikolari w allura uzaw filmat li kien qed jintuza fuq servizz iehor fil-granet precedenti minghajr ma irrealizzaw li fil-fatt kien qed jidher l-isem ta' Claudio Grech. Jiena dan kollu sirt nafu wara; qabel l-ahbarijiet il-filmat jiena ma lhaqtx rajtu. Irrid nghid ukoll li meta nfethet din il-kawza jiena kont irrappurtajt fl-ahbarijiet illi fil-fatt infethet din il-kawza w irrappurtajna wkoll illi l-isem ta' Claudio Grech kien deher bi zball meta ssemma l-ufficjali tal-MITTS. Jiena ma kienetx l-intenzjoni tieghi li ssir referenza ghal Claudio Grech fil-kuntest ta' din ix-xandira u nikkonferma wkoll li Claudio Grech ma kellu assolutament xejn x'jaqsam ma' dik l-investigazzjoni. Meta sussegwentement ghamilna aktar rappurtaggi fuq dan il-kaz li jinvolvi l-ufficjal tal-MITTS meta sirna nafu isem din il-persuna, ahna dejjem irreferejna ghalih b'ismu. Qed jinghad li certu Jesmond Saliba li hu ufficjal fil-Ministeru ta' Austin Gatt, baghtli email biex jiccara s-sitwazzjoni u jiena nghid li din l-email ma ircevejthiex ghax inkella kont naghmel il-kjarifika ma' l-ewwel. Jiena qatt ma ridt li b'xi mod Claudi Grech jiddahhal fil-kuntest tad-diskursata ta' Dr. Alfred Sant u il-kaz li issemma f'dik l-istess diskursata. Irrid nghid ukoll illi meta dehrna ghall-ewwel darba f'din il-kawza jiena lil Caludio Grech kont ghedtlu anke fil-presenza ta' l-Avukat tieghu li dak kien zball min-naha taghna u li konna disposti li jsiru l-kjarifiki necessarji*[6].

Il-Qorti tosserva li fil-kuntest tal-libell u l-malafama, huma ormai assodati s-segwenti principji guridici:

- *Fil-qasam tad-drittijiet tal-persuna l-principju regolatur, s'intendi fost drittijiet ohra, hu dak tad-dritt ghall-harsien tar-reputazzjoni personali. Reputazzjoni din tutelata kemm Kostituzzjonalment [Art. 41(2)(ii)] kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea (Art. 10 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319) li expressis jaghmlu referenza ghall-harsien tar-'reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra'. Drittijiet dawn li wiehed ghandu ragonevolment jassumi li huma dawk tal-persuna umana fl-aspetti integrattivi taghhom fir-realtajiet socjali; ad exeplum, id-dritt ta' l-imaggini, ta' l-isem u tal-prestigu. Naturalment dawn id-drittijiet individwali jridu jigu mizurati mad-dritt daqstant iehor fundamentali*

[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010, fol. 52 sa' 54 tal-process.

*tal-manifestazzjoni libera ta' l-espressjoni, hekk ukoll garantita mill-ligijiet min-normi fuq imsemmija. Fl-ezami ta' dawn id-drittijiet l-interpretu ghandu jtendi biex izomm bilancjament xieraq bejn l-interess individwali ghar-reputazzjoni u l-interess ghall-manifestazzjoni hielsa tal-hsieb. ... il-bilanc li kellu jkun hemm bejn l-interess ta' l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrità tal-karattur tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika. ... Dan l-aspett taz-zamma tal-proporzjonalità hu kombacjat ma' l-aspett l-iehor, ukoll zviluppat fil-gurisprudenza, illi 'l-espressjoni demokratika tinhtieg li tinghata l-aktar spazju possibbli fil-konfront ta' l-operat ta' figuri pubblici li kellhom ikunu soggetti ghall-iskrutinju ta' stampa hielsa, anke jekk dan ikun a skapitu ta' skonfort u inkonvenjenza ghal dawn il-persuna li lejhom tkun immirata' ... Kif rilevat, 'fil-konfront taghhom hafna issa hu iktar tollerat minn qabel in omagg tal-principju illi d-dibattitu politiku fuq materji ta' interess kellu jinghata spazju mill-aktar wiesa' anke jekk a skapitu ta' inkonvenjenza anke gravi lill-persuni pubblici involuti b'konsegwenza ta' kritika harxa, ukoll kultant ingusta'...*[7]*;*

- *Hija regola dottrinali tal-materja agitata, konfermata wkoll mill-gurisprudenza, illi d-divulgazzjoni ta' ahbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bhala ezercizzju lecitu tad-dritt tal-kronaka. Dan l-ezercizzju però jibqa' hekk lecitu sakemm jikkorrispondu u jikkonvergu fih dawn l-osservanzi principali: (a) il-verità tal-fatti esposti rizultanti minn ricerka serja, diligenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun necessarju ghas-sosidfaciment ta' l-interess pubbliku li jkun mgharraf b'fatti determinanti ta' rilevanza politika jew socjali; (c) il-kritika trid tkun mizmuma f'termini korretti u mizurati b'mod li titraxxendix f'aggressjoni personali jew invettiva*[8]*;*
- *Hi gurisprudenza, tista' tghid kostanti, tal-qrati taghna, li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-animus injuriandi huwa prezunt. ... B'referenza ghall-kelma "malafama" fl-Artikolu 28(1) '...li l-ghan taghha jkun li tellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna ... (fit-test Ingliz "... the object of which is to take away or injure the reputation of any person...) ma jirriferux ghal xi intenzjoni specifika jew motiv ulterjuri li jrid ikollu l-awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni, izda jirreferu ghat-tendenza tal-kliem stampat jew tal-kliem imxandar li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' dk li jkun."The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. "Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation". "The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used". "It is not the defendant's intention, or the meaning of his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it"*[9]*;*

---

[7] Dr. Albert Caruana v. Gino Cauchi, Appell Civili Nru. 775/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-23 ta' Gunju 2004.
[8] *Ibid.*
[9] Dr. Sandra Caruana v. Joe Mifsud, Appell Civili Nru. 1195/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Settembru 2004.

- *Il-Qorti tifhem illi huwa kemm dritt kif ukoll obbligu tal-gurnalista illi jgharraf lill-pubbliku b'kull ahbar li tista' tkun ta' interess pubbliku, izda tifhem ukoll illi l-gurnalist ghandu l-obbligu illi jassikura ruhu li jkun ghamel investigazzjonijiet kollha mehtiega qabel ma jtella' l-ahbar fuq il-mezzi tax-xandir, u dana peress illi c-cittadin jippretendi minghand il-gurnalist illi l-istess gurnalist jkun ghamel ix-xoghol tieghu sew u fir-reqqa rikjesta[10];*
- *Hu d-dritt fondamentali tal-gurnalist li jkoll libertà ta' esprezzjoni fil-limiti imposti ghal tali dritt mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea u hu dritt u obbligu tal-gurnalist li jirraporta dak kollu fl-interess tal-pubbliku però dak id-dritt u obbligu jistrihu primarjament fuq il-principju li tinghata l-verità lil pubbliku wara indagini serja w approfondita tal-fatti li jigu rapportati. Il-gurnalizmu hu arma b'sahhitha f'idejn il-gurnalist biex fost ragunijiet ohra jzomm lil dawk fil-kariga pubblika milli jiddevjaw mill-gust u mill-qadi fidil ta' dmirijiethom skond il-ligi. Tali arma però trid tigi wzata b'mod fidil u dinjituz lejn is-servizz tal-gurnalizmu u b'rispett lejn il-pubbliku biex minn qed jaqra jew jisma jew jara l-ahbar ikollu stampa cara w ezatta biex twasslu jifforma hsieb jew opinjoni jew gudizzju imfassla fuq fatti veri u kompleti. Mill-banda l-ohra kull informazzjoni mahruga sakemm bazata fuq verità qatt ma tista' twassal ghall-ingurja jew il-libell anki jekk twegga lil dak li dwaru tkun inharget l-informazzjoni. Imma ma jistax il-gurnalist bla bazi soda jew b'intenzjoni mhux korretta jew mhux genwina juzufruixxi ruhu mid-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni u juza minn informazzjoni mhix ezatta u li ma tirrispekkjax il-verità shiha biex iwegga direttament jew indirettament jew ihammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor jew biex jaqdi skop iehor li tmur lil hinn minn rapurtagg fidil lejn il-vokazzjoni guranalistika. ... Rappurtagg investigattiv jesigi serjetà assoluta u prudenza assidwa kif ukoll motiv genwin li tinghad il-verità u l-verità kollha, u mhux jigu pubblikati parti biss mill-fatti biex tpoggi lil persuna f'dawl ikrah[11];*
- *Il-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artikolu ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax tagixxi taht il-ligi ta' l-istampa. Kemm-il darba mill-kontenut ta' l-artikolu johrog car min kienet dik il-persuna, l-editur u l-istampatur tal-gurnal huma azzjonabbli u responsabbli ghad-danni kemm-il darba jirrizulta li nghatat malafama[12]. Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kinitex jew le identifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-arikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort' ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza. ... The sole relevant question in every case is: Would reasonable persons understand the words to refer the particular plaintiff? Factors to be considered in deciding this question are, as Lord Porter pointed out in Knupffen's case "the size of the class, the generality of the charge and the extravagance of the accusation."[13];*

---

[10] Natalino Fenech v. Saviour Balzan et, Rik. Nru. 138/03 deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta' Ottubru 2016.
[11] Perit Carmel Mifsud Borg v. Miriam Dalli et, Appell Civili Nru. 62/07 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Frar 2018.
[12] Vincent Borg v. Victor Camilleri et., Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri Vol. LXXVIII.ii.372 u Emanuel L. Micallef v. Victor Camilleri et, Citaz. Nru. 3385/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2002.
[13] Dr. Mario Vella et v. Dion Borg et, Citaz. Nru. 1935/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005.

- *Fi proceduri mehuda in forza ta' dan l-Atti* [l-Att dwar l-Istampa] *tkun difiza ghall-editur jew ghar-responsabbli ghall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandiru u li l-pubblikazzjoni ta' l-istess diskors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjetà demokratika*[14]*;*

Meta l-fatti ta' dan il-kaz jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-principji guridici l-Qorti hi tal-fehma li s-servizz li dwaru jilmenta l-attur kien fil-fatt malafamanti fil-konfront tieghu.

Is-servizz in kwistjoni xxandar waqt l-ahbarijiet ta' One News tal-21 ta' Jannar 2007 fl-edizzjoni tas-7:30p.m. u mill-gdid fl-edizzjoni tal-11:00p.m. Dan is-servizz kien jittratta dwar diskors li sar mill-Kap ta' l-Opposizzjoni Dr. Alfred Sant dwar allegat sparpaljar ta' fondi mill-Gvern ta' dak iz-zmien, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-Isptar Mater Dei. Fis-servizz gie riportat li waqt dan id-diskors Dr. Sant semma kaz dwar ufficjal li jahdem il-MITTS u misluf lill-Ministeru ta' Austin Gatt, li kien qed jghin lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom dwar l-iskandlu tat-tender ghall-ghoti tal-kuntratt ghas-servizzi tal-computers gewwa l-Isptar Mater Dei. Gie riportat ukoll li waqt dan id-diskors Dr. Sant staqsa jekk dan l-ufficjal kienx l-unika persuna involuta f'dan l-iskandlu. Waqt dan is-servizz kien ghaddej ukoll filmat u fil-hin li giet riportata l-mistoqsija ta' Dr. Sant jekk l-ufficjal in kwistjoni kienx l-unika persuna involuta f'dan l-allegat skandu, deher dokument li fih inghatat promimenza qawwija lil isem l-attur, li dak iz-zmien kien Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru tal-Ministru Austin Gatt u kien Chairman ta' l-Core Evaluation Committee.

Huwa proprio l-**abbinament** ta' dan il-filmant, spejcalment il-parti fejn jidher b'mod prominenti isem l-attur, mar-rappurtagg in kwistjoni li fil-fehma tal-Qorti jaghti lok ghall-malafama fil-konfront ta' l-attur.

Ghad illi waqt is-servizz in kwistjoni gie riportat dak li ntqal minn Dr. Alfred Sant waqt id-diskors tieghu u ghalkemm ma hemmx dubju li t-tema hemm trattata kienet wahda ta' interess pubbliku, il-Qorti hi tal-fehma li gie oltrepassat dak il-limitu tal-verità tal-fatti **vis-à-vis l-attur** meta in abbinament ma' din l-ahbar partikolari gie mxandar filmat - senjatament frame dwar dokument li fih deher b'mod prominenti isem l-attur - li f'ghajnejn u f'mohh l-udejnza kjarament kien qed jimplika lill-attur, dak iz-zmien Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru tal-Ministru Austin Gatt u Chairman tal-Core Evalutation Committee, ma' dik l-affari partikolari, u dana nonostante l-fatt li Dr. Sant fl-ebda hin u bl-ebda mod ma semma jew implika lill-attur fid-diskors teighu u sussegwentement irrizulta li ittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' persuna, li però ma kinitx l-attur.

Il-konvenuta taccetta u tirrikonoxxi li l-attur ma kien bl-ebda mod involut ma' l-affari imsemmija u diskussa minn Dr. Alfred Sant u tipprova tiggustifika dak kollu li

[14] Dr. Sandra Caruana v. Joe Mifsud, Appell Civili Nru. 1195/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Settembru 2004.

gara a bazi ta' l-iskuzanti ta' l-izball genwin sforz l-ghagla u n-nuqqas ta' hin biex gie imhejji s-servizz in kwistjoni, skuzanti din però li bl-iktar mod assolut ma tkonvincix lil din il-Qorti.

L-ghagla u n-nuqqas ta' hin biex jigi ppreparat u imhejji servizz ma humiex, fil-fehma tal-Qorti, ragunijiet validi in bazi ghal liema l-malafama evidenti fil-kaz in ezami ghandha tigi minimizzata w addirittura njorata. Kif inghad iktar 'l fuq *rappurtagg investigattiv jesigi* ***serjetà assoluta u prudenza assidwa*** *kif ukoll motiv genwin li tinghad il-verità u l-verità kollha, u mhux jigu pubblikati parti biss mill-fatti biex tpoggi lil persuna f'dawl ikrah,* b'hekk jekk verament il-filmat in kwistjoni, li allegatament già kien intuza dwar servizz li xxandra xi jiem qabel, intuza biss minhabba nuqqas ta' hin biex jithejji filmat appozitu ghar-rappurtagg in kwistjoni, fatt dan li l-Qorti ghandha riservi serji dwaru, l-ghazla ta' tali filmat kienet iggorr maghha l-**konsapevolezza cara li l-attur kien ser jigi abbinat ma' dak li kien qed jinghad fir-rappurtagg in kwistjoni, konsapevolezza din li zgur ma tistax titqies bhala zball u per di più zball genwin, izda ghandha titqies biss bhala non-kuranza totali ghar-riperkussjonijiet fuq terzi derivanti minn dan ir-rappurtagg ghal kollox nieqes mis-serjetà u prudenza**.

Ghalkemm il-konvenuta allegat li l-filmat li ntuza kien l-istess filmat li ntuza ma' servizz iehor fil-jiem precedenti, hija baqghet qatt ma qalet x'kien dan l-allegat servizz u qatt ma ipprovdiet prova sodisfacenti dwar l-istess. Ghalkemm fix-xhieda taghha l-konvenuta ppruvat tixhet ir-responsabilità ghall-filmat kif hareg fuq persuna ohra, skontha l-Editur responsabbli mill-parti viziva tas-servizzi imxandra waqt One News, mid-dokument mahrug mill-Press Registrar, Dok. "CG1" a fol. 13 tal-process, kjarament jirrizulta li l-uniku Editur responsabbli minn One TV dakinhar tal-21 ta' Jannar 2007 kienet il-konvenuta, u l-konvenuta biss. Ghalkemm il-konvenuta tikkontendi wkoll li *jiena dan kollu sirt nafu wara; qabel l-ahbarijiet il-filmat jiena ma lhaqtx rajtu,* ghaliex kif affermat fir-Risposta taghha hija kienet bil-*leave*, dan il-fatt bl-ebda ma jezoneraha u jezentaha mir-responsabilitajiet taghha *qua* Editur ta' One TV dakinhar tal-21 ta' Jannar 2007.

Il-fatt li jiem wara li xxandar is-servizz in kwistjoni giet, fi kliem il-konvenuta, imxandra rettifika fis-sens illi gie dikjarat li l-attur ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak rappurtat fis-servizz imxandar waqt One News tal-21 ta' Jannar 2007 fl-edizzjoni tas-7:30p.m. u fl-edizzjoni tal-11:00p.m., ma jnaqqas xejn mir-responsabiltà tal-konvenuta vis-a-vis l-attur.

L-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta[15], kif applikabbli ghall-kaz in ezami jipprovdi li: (1) *Fil-kaz ta' malafama, b'xi mezz imesmmi fl-artikolu 3, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persun offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87). (2) F'kull kaz li ghalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut*

[15] Illum revokat a tenur ta' l-Art.33 ta' l-Att XI ta' l-2018 izda xorta applikabbli vis-a-vis proceduri li nbdew qabel ir-revoka ta' l-istess.

*jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun ghamel jew offra li jaghmel apologija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni ghad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jaghmel f'kaz li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jaghmel jew li joffri li jaghmel dik l-apologija: Izda l-konvenut ma jistax igib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun gieb il-prova tal-verità skond l-artikolu 12.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog b'mod car li r-rettifika ma tnaqqas xejn mir-responsabilità *per se* ghall-pubblikazzjoni jew xandira malafamanti izda se mai jista' jkollha impatt u effett fuq il-*quantum* tad-danni eventwalment likwidati a favur l-attur.

Fil-fehma tal-Qorti però r-rettifika li saret waqt ix-xandira ta' One News tal-25 ta' Jannar 2007 ma kenitx sufficjenti biex telimina dak li gie rappurtat fix-xandira tal-21 ta' Jannar 2007 u li fiha gie involut l-attur.

Jibda biex jigi osservat li r-rettifika saret ben erbat ijiem wara li dehret l-ahbar fil-21 ta' Jannar 2007 u dana nonostante l-fatt li dakinhar stess tal-21 ta' Jannar 2007 fit-8:30p.m., ossia ftit hin wara li gie mxandar is-servizz in kwistjoni u ferm qabel l-edizzjoni sussegwenti ta' One News tal-11:00p.m., intbaghtet email lill-konvenuta, kupjata lil Roberto Francalanza dak iz-zmien Assistant Head of News u lil Michael Vella Haber, dak iz-zmien Managing Director ta' One Productions, bi spejgazzjoni cara tan-nuqqas ta' involviment ta' l-attur fil-kaz trattat f'dak is-servizz u ta' l-oggezzjoni ta' l-attur ghal dak is-servizz. Ghalkemm il-konvenuta tikkontendi li hija ma rcevietx dik l-email, il-Qorti ssibha ferm difficli temmen li mit-tlieta min-nies li lilhom kienet indirizzata/kupjata dik l-email, ebda wiehed minnhom ma raha biex b'hekk setghet tittiehed azzjoni opportuna w f'waqtha biex jigi korrett mill-iktar fis possibbli dak li da parte taghhom kien qed jigi deskritt bhala zball genwin.

Il-hsara lill-attur kienet saret u n-nuqqas ta' serjetà assoluta u prudenza assidwa fil-mod kif gie imehhji s-servizz in kwistjoni, b'mod partikolari bl-abbinament ta' dak il-filmat mar-rappurtagg, ma kienux sinjal ta' jew kawza ta' ghagla u nuqqas ta' hin fi thejjija tas-servizz izda kienu rizultat dirett tal-fatt li dak is-servizz bl-abbinament tar-rappurtagg ma' dak il-filmat partikolari kienu mmirati biex jitfghu dell skur fuq l-operat ta' l-attur qua ufficjal pubbliku non che, dak iz-zmien, Kap tas-Segretarja ttal-Ministeru tal-Ministru Austin Gatt u Chairman tal-Core Evaluation Committee, u biex b'hekk it-telespettatur jigbed il-konkluzzjonijiet tieghu fir-rigward ta' l-attur minn dak hemm affermat u insinwat.

Stabbilit dan il-fatt jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni dwar id-danni pretizi mill-attur.

Mill-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, iktar 'l fuq citat, johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti s-servizz imxandar waqt l-ahbarijiet ta' One News tal-21 ta' Jannar 2007 fl-edizzjoni tas-7:30p.m. u mill-gdid fl-edizzjoni tal-11:00p.m.,

fejn l-attur bil-filmat li deher waqt l-imsemmija servizz fejn ismu deher bi prominenza, gie implikat fl-iskandlu tat-tender dwar l-ghoti tas-servizzi ta' computers fl-Isptar Mater Dei u fl-investigazzjonijiet li kienu qed jitmexxu mill-Pulizija fir-rigward, kien malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, stante li kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas r-reputazzjoni ta' l-attur, il-kumpens dovut lilu in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dan is-servizz ghandha tkun fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li s-servizz imxandar waqt l-ahbarijiet ta' One News tal-21 ta' Jannar 2007 fl-edizzjoni tas-7:30p.m. u mill-gdid fl-edizzjoni tal-11:00p.m., fejn l-attur bil-filmat li deher waqt l-imsemmi servizz fejn ismu deher bi prominenza, gie implikat fl-iskandlu tat-tender dwar l-ghoti tas-servizzi ta' computers fl-Isptar Mater Dei u fl-investigazzjonijiet li kienu qed jitmexxu mill-Pulizija fir-rigward, kien malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, stante li kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas r-reputazzjoni ta' l-attur, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €2,000 u tikkundanna lill-konvenuta bhala Editur ta' One TV thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €2,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**